**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Wayne Camilleri

Vs

Cisuma Limited

CCT 4/20/MM

Illum, 31 t'Awwissu 2021

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat nhar is-6 ta' Jannar 2020 fejn talab is-somma ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€ 350), rappreżentanti prezz ta' tliet mitt ewro (€ 300) għall-biljett għall-attivita' bl-isem '*A night with a legend – Alessandro Del Piero*', liema attivita saret ġewwa l-*Intercontinental Hotel* nhar it-3 ta' Ġunju 2021 u ħamsin ewro (€ 50) preżumibbilment bħala kumpens morali għalkemm it-Tribunal jinnota li m'hemmx talba speċifika f'dan ir-rigward.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha fil-proċess.

Ra li l-każijiet CCT 1/20/MM, CCT 2/20/MM, CCT 4/20/MM, CCT 6/20/MM u CCT 162/19/MM huma kollha konnessi u għalhekk il-kawżi ġew mismuha kontestwalment u l-provi miġbura ġew ppreżentati fil-kawżi kollha.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Aleandro Bartolo xehed bil-ġurament u ppreżenta diversi dokumenti konsistenti f'komunikazzjoni bejnu u bejn l-organizzaturi tal-attivita' bl-isem '*A night with a legend – Alessandro Del Piero*'.

Jonathan Galea xehed bil-ġurament u spjega li kien qed jistenna tlett (3) affarijiet minn din l-event u ċioe' a) ritratt tiegħu iffirmat ma Del Piero, b) selfie mal-istess Del Piero; u c) d-dritt li jiehu flokk tiegħu sabiex jiġi ffirmat minn Alessandro Del Piero. F'seduta oħta reġa xehed bil-ġurament Jonathan Galea u talab li juri filmat ta' programm televiżiv minn fuq il-mobile tiegħu iżda kopja ta' dan il-filmat ma ġiex ppreżentat fl-atti.

Xehed bil-ġurament Aleandro Bartolo u ppreżenta email datata 9 ta' Mejju 2019 li tiddeskrivi dak kollu li ġie mwiegħed lill-parteċipanti u ċioe' ritratt ma Alessandro Del Piero, *Gala Buffet Dinner*, ritratt iffirmat minn Alessandro Del Piero u intervista mal-istess Alessandro Del Piero fuq il-karriera tiegħu.

Fit-talba tiegħu Francesco Imbroll jiddikjara li l-oġġetti mwiegħda kienu jinkludu ritratt ma Alessandro Del Piero bil-firma tiegħu flimkien ma 'merchandise'. Jgħid ukoll li fuq it-telefon ġie mwiegħed li jista' jieħu flokk jew oġġett *"sabiex jiġi ffirmat mill-leġġenda."*

Fit-talba tagħha Maria Bartolo tgħid li hija kienet imwegħda *"possibilità ta' selfie ma' Alessandro Del Piero, firma fuq oġġett minn Del Piero, ritratt iffirmat ma Alessandro Del Piero, li ttieħed dakinhar stess tal-attivita' u rigal iffirmat li jingħata dakinhar tal-attivita"*. Maria Bartolo tgħid li r-ritratt li ttieħed ma' Alessandro Del Piero dakinhar tal-attivita' ġie mpoġġi biss fuq il-*Facebook* bi kwalità baxxa; i.e. mhux *'full resolution'* kif imwiegħed lilha.

Wayne Camilleri, Jonathan Galea, Francesco Imbroll, u Maria Bartolo ikkonfermaw bil-ġurament li d-dokumentazzjoni ppreżentata minn Aleandro Bartolo konsistenti prinċiparjamnet f'komunikazzjoni bejnu u bejn l-organizzaturi tal-attivita' kienet fattwali u jikkondividu magħha.

Illi minn-naħa tas-soċjetà intimata Antonella Vella spjegat li qatt ma tkellmet direttament ma Alessandro Del Piero iżda dejjem tramite aġenzija bl-isem *International Artists*. Illi tistqarr li matul l-attivita kien hemm xi nuqqasijiet mhux mistennija iżda tilqa' għal dan billi tgħid li s-suċċess tal-organizzazzjoni tal-istess attivita' kien jiddependi minn xi fatturi li ma kinux fil-kontroll dirett tagħha. Antonella Vella tenfasizza li dak kollu li kien fil-kontroll tas-soċjetà intimata sar kif imwiegħed lill-parteċipanti. Antonella Vella tikkonferma li kienet ipparteċipat fi programm televiżiv ftit ġranet qabel l-attivita' u pubblikament iddikjarat li l-parteċipanti ser ikunu jistaw jieħdu l-oġġetti tagħhom sabiex jiġu ffirmati minn Alessandro Del Piero kif ukoll *selfie* ma l-istess Alessandro Del Piero. L-istess Antonella tikkonferma li sussegwentement ġiet mitluba mingħand l-

aġenzija *International Artists* li dan mhux possibli u ġiet mitluba ma tibqax tagħmel riklami ta' din ix-xorta.

Ikkunsidra

Illi l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa li l-esperjenza tiegħu matul l-attivita li fiha kellu jkun preżenti idolu tiegħu inbidlet minn waħda indimentikabbli għall-waħda diżappuntanti. Illi ma jidhirx li hemm ilment fuq il-kwalità tal-*Gala Buffet Dinner* iżda hemm ilment qawwi fil-konfront tas-soċjetà intimata naxxenti mill-parteċipazzjoni ta' Alessandro Del Piero u li wasslet biex l-aspettativi tiegħu jinbidlu drastikament.

It-Tribunal josserva li fis-sustanza l-partijiet qegħdin jaqblu tista' tgħid f'kollox. M'huwiex kontestat li l-attivita' saret fil-ġurnata ppjanata u fil-post miftiehem. M'huwiex kontestat li Alessandro Del Piero verament attenda għal din l-attivita' u m'huwiex kontestat li l-organizzaturi provdew il-*Gala Buffet Dinner* inkluż ix-xorb. Lanqas m'huwa kontestat li matul is-serata kien hemm numru ta' nuqqasijiet li r-rikorrenti jsostni li għandha twieġeb għalihom is-soċjetà intimata u b'din tal-aħħar bl-istess forza tirrispondi li dawn kienu lil hemm mill-kontroll tagħha u għalhekk m'għandix tbati għal dawn in-nuqqasijiet.

Id-domanda prinċipali hija jekk dawn in-nuqqasijiet iwasslux lil dan it-Tribunal sabiex jilqa' t-talba għar-rimbors tal-prezz tal-biljett tal-attivita' kif ukoll kumpens addizzjonali.

Illi bħala stat ta' fatt joħroġ biċ-ċar mix-xhieda ta' Antenella Vella li ingħatat informazzjoni żbaljata mingħand l-organizzaturi tal-attivita waqt programm televiżiv u dan stante li l-aġenzija *International Artists* interpellat lis-soċjeta' intimata ma tkomplix tagħmel riklami bħal dawn. It-Tribunal jiddikjara bla tlaqliq li din hija negligenza grossolana da parte tas-soċjeta' intimata u prova ċara li bħala minimu hemm nuqqas ta' esperjenza kbira fl-organizazzjoni ta' events ta' din ix-xorta u fl-agħar każ kien hemm indifferenza totali lejn l-aspettativi tal-parteċipant, jekk mhux ukoll frodulenti, bl-għan ewlieni jkun li jinbiegħu aktar biljetti. Illi t-Tribunal josserva li mill-provi ma jirriżultax jekk ir-rikorrenti ħax id-deċiżjoni li jixtri biljett għal din l-attivita qabel jew wara li sema dan ir-riklam televiżiv madankollu x-xhieda prodotti mir-rikorrenti jaqblu li ħaddiema u/jew rappreżentanti tas-socjeta intimata ikkonfermaw l-istess wegħda fil-mument tal-ħlas tal-biljett u f'dan ir-rigward hemm ukoll korrispondenza fuq il-*Facebook Messanger*. Illi ovvjament dan it-Tribunal irid joqghod fuq il-verzjoni tal-fatti mogħtija mir-rikorrenti, liema verzjoni, it-Tribunal jikkunsidraha koerenti u verosimili. It-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi mill-provi prodotti, il-parteċipanti ġew imwegħda li se jkun jistaw jieħu *selfie* ma Alessandro Del Piero u anki jieħu oġġett wieħed tal-għaża tiegħu sabiex jiġi ffirmat. Wegħda li sfortunatament ma mmaterjalizzatx,

speċjalment meta l-attrazzjoni prinċipali ta' din l-attivita kellha tkun l- interazzjoni u soċjalizzazzjoni mal-*"leġġenda"*. Illi dan iwassal lit-Tribunal jikkonkludi li s-soċjeta' intimata naqset ferm u għamlet weghdi li kienet jew li raġonevolment setgħat kienet taf li ma setgħetx twettaq. It-Tribunal huwa tal-fehema li fil-mument li s-soċjeta intimata ġiet infurmata mill-aġenzija *International Artists* sabiex twaqqaf ir-riklam in kwistjoni; l-istess soċjeta intimata kellha d-dmir u l-obbligu li tavza b'mod individwali lill-parteċipanti b'dan l-iżvilupp **qabel** l-attivita' sabiex il-parteċipanti jagħrfu jirregolaw ruħhom u jevalwaw l-għażliet opportuni disponibbli għalihom.

Illi minn naħa l-oħra t-Tribunal josserva li mix-xhieda ta' Maria Bartolo jirriżulta li xi parteipanti irnexxielhom jieħdu ritratt ma' Alessandro Del Piero iżda ġie mpoġġi biss fuq il-Facebook bi kwalità baxxa u mhux *'full resolution'* kif imwiegħed lill-parteċipanti. Dan ifisser li Alessandro Del Piero kellu obbligu kuntrattwali li jieħu ritratt ma xi wħud mill-parteċipanti, skont il-kategorijja tal-biljett li xtraw, iżda mill-provi ma jirriżultax kemm kellu jkun dan in-numru ta' parteċipanti u/jew għal kemm ħin. Is-soċjeta' intimata naqset li tippreżenta dokumentazzjoni sabex issaħħaħ id-difiża tagħha u tgħid biss li tant tħossha ngurjata li bdiet jew se tibda proċeduri fi Qrati esteri kontra *International Artists.*

Illi t-Tribunal jifhem u jissimpatizza mas-soċjeta intimata li l-allegat aġir u mġieba ta' Alessandro Del Piero ma kinietx fil-kontroll tagħha. Naturalment it-Tribunal jifhem li fil-waqt li l-parteċipanti marru jaduraw l-idolu tagħhom, sfortuantament il-benjamin tagħhom attenda għal din l-attivita sempliċiment għax kellu obbligu kuntrattwali u għalih din l-attivita' kienet biss eżerċizzju kummerċjali u xejn iżjed. Illi dan huwa aġir deplorabbli u Alessandro Del Piero naqas ferm li jirrispetta lill-parteċipanti li kienu ilhom snin twal isegwuh u li ħallsu l-flus biex jiltaqaw miegħu matul din l-attivita'. Biss, dan kollu ma jeskulpax lis-soċjeta' intimata. Is-soċjeta' intimata qabel torganizza din ix-xorta ta' attivita' kellha taċċerta li tkun robusta biżejjed li tkun tista tilqa' għal dawn l-eventwalitajiet mhux mistennija billi tieħu miżuri adegwati li huma magħrufa sew fl-industrija. Għalhekk fil-konfront tal-parteċipanti, is-soċjeta' intimata qatt ma tista teżemi ruħha mir-responsabbilita' tagħha billi tistrieh u talludi għan-nuqqas ta' terzi persuni. Illi m'hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn il-parteċipanti u *International Artists* u lanqas ma hemm rabta bejn il-parteċipanti u Alessandro Del Piero, salv għall-idolatrija falza, b'dan li s-soċjeta' intimata trid twieġeb għan-nuqqasijeit kollha li seħħew matul din l-attivita'. Naturalment bid-dritt tagħha salv u riservat li titlob rimedju kontra l-istess *International Artists* u Alessandro Del Piero skont u jekk ikun il-każ, fil-forum opportun.

It-Tribunal josserva li l-attivita' saret u min xtaq l-opportunita' li jara lil Alessandro Del Piero mill-qrib waqt *Gala Buffet Dinner* kellu ċ-ċans li jagħmel dan. Kif ġja ġie osservat iżjed il-fuq, m'huwiex kontestat li s-soċjetà intimata daħlet fi spejjeż konsiderevoli sabiex tikri l-lukanda, apparat u tingaġġa s-servizzi ta' terzi persuni għal waqt din l-attivita'. Dan ifisser li r-rikorrenti gawda minn parti mis-servizz. Għalhekk dan ser jirrifletti ruħu fis-sentenza.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament u jordna lis-soċjeta' intimata' tirrifondi s-somma ta' mija u għoxrin ewro (€ 120) rappreżentanti d-differenza fil-ħlas tal-biljett tal-iktar kategorija għalja u ċioe' ta' tlett mitt ewro (€ 300) li ħallas ir-rikorrenti u t-tieni kategorija ta' mija u tmenin ewro (€ 180) li kienet tagħti lill-parteċipanti servizz bażiku. Jordna wkoll lis-socjeta ntimata thallas l-ammont ta' ħamsin Ewro (€50) lir-rikorrent bħala danni morali għad-diżappunt u l-inkonvenjenza kkawżata lilu mill-istess soċjeta intimata.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru